**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 560/2020**

**Il-Pulizija**

*(Spettur Lydon Zammit*

*Spettur Stephen Guilia*

*Spettur Paula Ciantar)*

**vs**

***(Omissis)***

**u**

**Annise Bejaoui**

Illum, 7 ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra:

**Fabian Sciriha** ta' 35 sena, iben Francis Xavier Sciriha u Pauline nee' Agius, imwieled fil-15 ta' Mejju u 1985 gewwa l-Pieta, detentur tal-karta ta' l-identita 266885M u residenti gewwa 11, Triq San Frangisk, Marsa.

u

**Annise Bejaoui** ta' 31 sena, iben Driss Ben Bejaoui u Grace nee' Xuereb, imwieled fit-23 ta' Luliu 1989 gewwa l-Pieta, detentur tal-karta ta' l-identita 387889M u residenti gewwa 26, Triq Gvernatur William Reid, Dingli.

Akkuzati:

1. Talli fil-21 t'Ottubru 2020 ghal haba ta' bejn 1-12:30 Hrs u 1-13:00 Hrs ta' wara nofs inhar gewwa Triq Ghawdex, San Pawl il-Bahar ikkommettew serq t'oggetti u flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Dolores Scicluna, anzjana ta' erbgha u tmenin sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghorin Euro u segha u tletin centezmu (€2,329.37).
2. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrendew ruhhom ricedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

**Fabian Sciriha** wahdu gie akkuzat ukoll:

1. Talli fil-21 t' Ottubru 2020 ghal habta ta' bejn in-12:30 Hrs u s-13:00 Hrs ta' wara nofs inhar gewwa Triq Ghawdex, San Pawl il-Bahar ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Dolores Scicluna liema hsara hija ta'

natura hafifa hekk kif verifikata minn Dr Kurt Apap detentur ta′ numru tar-registru mediku 4233 tal-Isptar Mater Dei.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Dolores Scicluna kontra l-volonta′ taghha u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex tkun mgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta hwejjigha.

**Annise Bejaoui** wahdu gie ukoll akkuzat:

1. Talli fil-21 t Ottubru 2020 u z-zminijiet ta′ qabel gewwa dawn il-gzejjer saq vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni KBO-629 ta' l-ghamla Volkswagen minghajr licenza tas-sewqan, b'nuqqas ta′ kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi f dawn il-gzejjer ghamel uzu minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni bin-numru KB0629 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta dwar ir-riskju tat-terzi pesuni.

3. U aktar talli f′dan l-ahhar xhur fdawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzionifiet imposti fuqu mill-Oorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Doreen Clarke LLD fid-digriet taghha tal-25 ta' Mejju 2020 li bih tat il-helsien mill-arrest.

II-Qorti giet mitluba sabiex f′kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x′jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

II-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tiskwalifika lil Annise Bejauoi milli jkollu jew jikseb xi warrant, licenzja, permess jew awtorità ohra, bi ksur ta' l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2020, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat Annise Bejaoui tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat illi nhar it-30 ta' Gunju 2021, l-imputat Fabian Sciriha ghadda ghal hajja ahjar[2] u ghalhekk, il-procediment fil-konfront tieghu huwa estint.

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar is-16 ta' Novembru 2022 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[3]:

- Fl-artikoli 257D(1)(b); 257E; 261(a); 261(c); 262(1)(a); 262(2); 267; 274(c); 275; 276A; 277 (a); 279(a); 280(2); 280(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17; 23; 23B; 23C; 30; 31; 532A; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- FI-artikoli 49; 50; 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 579(1); 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Fol. 39 ta' l-atti processwali
[2] Vide certifikat tal-mewt ta' Fabian Sciriha ezebit a Fol. 618 tal-atti processwali
[3] Fol. 663 ta' l-atti processwali

- Fl-artikoli 382A; 383; 384; 385; 386; 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligliet ta' Malta;
- Fl-artikolu 15(1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 3(1); 4(4) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta tat-23 ta' Jannar 2023 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha definittivament nhar it-12 ta' Mejju 2022.[5]

Rat illi l-provi tad-difiza gew maghluqa nhar is-16 ta' Mejju 2023.[6]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

[4] Fol. 666 ta' l-atti processwali
[5] Fol. 640 ta' l-atti processwali
[6] Fol. 685 ta' l-atti processwali

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna incidenza ta' *mugging* li sehhet fil-21 t' Ottubru 2020 ghall-habta tas-13:00hrs fi Triq Ghawdex, San Pawl il-Bahar vicin Oracle Casina. Il-vittma Dolores Scicluna giet allegatament aggredita mill-imputat Fabian Sciriha, illum defunt, biex jipprova jehodilha l-*handbag*. Meta sab rezistenza, tant li spicca kaxkar lill-mara anzjana mal-art, Sciriha ha l-portmoni minn gewwa l-*handbag* u harab jigri izda gie mizmum minn xi nies li kienu fuq il-post. Mill-banda l-ohra, l-imputat l-iehor Annise Bejaoui, huwa akkuzat li allegatament kien qed isuq dik li kienet intiza bhala *getaway car* u dan minghajr ma kellu licenzja valida tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni kontra riskji ta' terzi.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

L-Ispettur **Lydon Zammit**[7] xehed fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2020. Spjega li fil-21 ta' Ottubru 2020 ghall-habta tas-13:00hrs il-Pulizija tal-Ghassa tal-Qawra kienu gew infurmati li fi Triq Ghawdex, San Pawl il-Bahar kien hemm mara

[7] Fol. 43-51 tal-atti processwali

mal-art u kien hemm persuna maskili li kien qed jinzamm mal-art minn xi persuni ohrajn. Hekk kif il-Pulizija waslet fuq il-post, irrizulta li dan ill-persuna kien l-imputat Fabian Sciriha u kien qed jinzamm minn xi nies pajzana minhabba li kien ghadu kemm wettaq serqa fuq anzjana. Giet arrestat fuq il-post u mehud l-ewwel fl-Ghassa tal-Qawra u imbaghad fil-Kwartieri Generali. Ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Martha Mifsud u fl-istqarrija tieghu, ghalkem ma wiegibx ghd-domandi, f'mument minnhom skuza ruhu ta' dak li kien gara.

Id-derubata irrizulta li hija Dolores Scicluna u qaltet li kienet l-Oracle Casino u hekk kif bdiet miexja lejn Triq Ghawdex biex tirkeb tal-linja gie persuna minn warajha u talabha l-handbag. Kif qaltlu le gibidulha u waqt li kienu qed jissaraw waqghet mal-art u l-malvivent waqa' ukoll. Irnexxielu jiehu l-portmoni li fih kellha madwar €200 u dokumenti personali. Hekk kif prova jahrab inzamm minn xi persuni li rnexxielhom ukoll jirkupraw il-portmoni. Spjegat li l-malvivent kien liebes flokk blu zarbun skur u kellu beritta. Dolores Scicluna ittiehdet l-isptar fejn giet certifikata li qed issofri minn griehi hfief.

Minn analizi ta' filmati CCTV migbura mill-akkwata, irrizulta li l-imputat Fabian Sciriha kien nizel minn vettura VW Passat bin-numru ta' registrazzjoni KBO-629. Mill-filmat u ukoll minn stharrig maghmul, irrizulta li l-vettura kienet qed tinstaq mill-imputat l-iehor Annise Bejaoui. Dan gie arrestat fil-21 ta' Ottubru 2020 minn hdejn l-Ghassa tar-Rabat meta mar biex jiffirma, fejn kien qed jaghmel uzu minn din l-istess vettura in kwistjoni. Ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Matthew Xuereb u fl-istqarrija tieghu ma wiegibx ghad-domandi izda kkonferma li huwa juza l-vettura VW Passat bin-numru ta' registrazzjoni KBO-629 u li gieli kien silifha lil Fabian Sciriha. Qal li ma kienx jaf li Sciriha kien sejjer juzaha biex jaghmel serqa.

Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020[8] l-Ispttur Lydon Zammitipprezenta l-filmati CCTV li gew elevati mill-Oracle Casino u fis-seduta tal-24 ta' Frar 2022[9] ipprezenta ic-certifikat tal-mewt tal-imputat Fabian Sciriha kif ukoll tlett sentenza moghtija kontra l-imputat l-iehor Annise Bejaoui.[10]

Fl-istess seduta xehdet id-derubata **Dolores Scicluna**[11]. Qalet li fil-jum meta sehh l-incident, minhabba li kienet gurnata sabiha, kienet iddecidiet li tmur tiekol il-Casino ta' Bugibba. Ma kellhiex aptit tilghab dakinhar. Lestiet mill-ikel ghall-habta tas-13:00hrs u qabdet miexja 'l fuq biex taqbad tal-linja lura d-dar mill-venda tal-Qawra. Hekk kif daret il-kantuniera mill-Casino mar fuqha ragel li talabha l-basket. Qabdet tghajjat ghall-ghajnuna u baqghet izomm il-basket mill-handle. L-imputat Scriha beda jigbed il-basket minn naha t'isfel u tefaghha fl-art fuq il-bankina u kaxkarha b'kollox bil-konsegwenza li selhet minkbejha mal-art. Imbaghad l-imputat Schriha dahhal idu fil-basket, li kien miftuh, u ha l-portmoni. Talbet lil ragel u mara li kienu ghaddejin sabiex jghinuha tqum. Ix-xhud spjegat li ghalkemm fil-basket kien hemm aktar flus, l-imputat Schriha ha biss il-portmoni li skont ix-xhud kien fih fuq l-€20. Milli tiftakar jidhriliha li l-imputat kien liebes qmis u beritta bojod. Taf li qabduh u zammewh xi nies li kienu hemm u l-portmoni tefghu fl-art. Wara dan l-incident ittiehdet l-Ghassa tal-Qawra u wara l-Isptar, fejn irrizulta li ghalkemm kienet misluha, ma kienet sofriet l-ebda ksur. Spjegat li fil-basket b'kollox kellha vicin €170 u affarijiet ohrajn personali bhal karta tal-identita`, Tal-Linja Card, cwievet u maktur. In kontro-ezami eskludiet li kienet rat lil xi hadd tiela jew niezel minn karozza u ma jidhrilhiex li waqfet xi karozza vicin ta' fejn kienet miexja qabel sehh l-

[8] Fol. 101 tal-atti processwali
[9] Fol. 615-617 tal-atti processwali
[10] Dok LZX2-LZX4, Folio 619-364 ta' l-atti processwali
[11] Fol. 60-92 tal-atti processwali

attakk. Ikkonfermat li fil-fatt ma nsteraq xejn ghax il-portmoni gie rkuprat dak il-hin stess.

Il-vittma kienet ukoll tat il-verzjoni taghha dak in-nhar stess ta' l-incident hekk kif jirrizulta mir-rapport tal-pulizija bir-referenza NPS 9A/V/1067/2020 li gie esebit mill-ufficjal prosekutur.[12]

Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020 xehed **Andreas Buhagiar**[13]. Ikkonferma li l-vettura VW Passat bin-numru ta' registrazzjoni KBO-629 kienet inbieghet lill-imputat Anise Bejaoui ghall habta tal-ahhar ta' Settembru jew il-bidu ta' Ottubru 2020. Stqarr li kien ghadu ma thallasx taghha u kien gieli kkomunika ma Bejaoui biex jara kif ser jibqghu fuq il-flus.

Fl-istess seduta xehed **Mark Sant**[14], li jahdem fl-Oracle Casino bhala ufficjal tas-sigurta`. Jirrakkonta li kien xoghol u kien sema xi ghajjat u kommossjoni barra u meta hareg ra xi persuni qed izommu ragel u mara qieghda mal-art. Bdew jghidu li r-ragel kien prova jiehu l-basket tal-mara u kien kaxkarha mal-art. Dan ir-ragel kien liebes xorts, li fl-awla huwa gharaf bhala l-imputat Fabian Sciriha. Jiftakar li kien ghadda minn quddiemu persuna bil-karozza, li fl-awla gharaf bhala l-imputat l-iehor Anise Bejaoui li qallu "*haduh il-Pulizija maghhom*". Jikkalkula li kienu ghaddew madwar 10 minuti minn meta hareg minhabba l-kommossjoni sa ma ghadda minn hdejn il-persuna l-ohra bil-karozza. In kontro-ezami iccara li huwa ma kienx ra lill-imputat Fabian Scicriha jaghmel xi haga, ghax x'hin hareg hu kienu diga` qed izommuh in-nies. Zied ukoll li lill-imputat Bejaoui kien rah fl-akkwata dak il-hin qabel ma ghadda bil-karozza u ghalhekk gharfu. Mill-bqija, ma rah jaghmel xejn. Ix-xhud rega' ha l-pedana fis-

[12] Dok LZ9, Folio 57-59 ta' l-atti processwali
[13] Fol. 102-106 tal-atti processwali
[14] Fol. 109-116 tal-atti processwali

seduta tas-16 ta' Settembru 2021[15] fejn ikkonferma li huwa kien ghadda l-filmati mill-kameras CCTV tal-Casino lill-Pulizija.

Fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2021 xehdet **Karen Cremona**[16] in rapprezentanza tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta. Spjegat li l-vettura VW Passat bin-numru ta' registrazzjoni KBO-629 kienet registrata fuq Topper Auto Dealer gestit minn Anthony Tanti u kienet ilha registrata fuqu sa mill-10 ta' Awwissu 2020.[17] Spjegat ukoll li l-imptuat Anise Bejaoui qatt ma kellu licenzja tas-sewqan u lanqas ma hemm applikazzjonijiet pendenti.

Fl-istess seduta xehed **Anthony Tanti**[18], id-dirigent tan-negozju Topper Auto Dealer. Spjega li l-vettura VW Passat bin-numru ta' registrazzjoni KBO-629 kien bieghha lil certu Fredrick Dalli minn Bormla fit-12 ta' Awwissu 2020.[19] Dan baqa' sejjer bil-karozza minghajr ma kienu ghadu gie regisrat it-trasferiment taghha madankollu, thallas tal-karozza.

Fl-istess seduta xehed **PS 637 Kevin Manicolo**, stazzjonat fl-Ghassa tal-Qawra[20], li kkonferma li huwa ha r-rapport dwar l-incidenza de quo nhar il-21 ta' Ottubru 2020 wara li kienet dahlet telefonata l-Ghassa tal-Qawra ghall-habta tas-12:55hrs.

Fis-seduta tat-8 ta' April 2021 xehdet **PC 2278 Sherona Buhagiar**[21], dak iz-zmien stazzjonata fit-Taqsima tar-Reati Magguri. Spjegat li nhar il-21 ta' Ottubru 2020 ghall-habta tad-20:40hrs kienet inghatat struzzjonijiet mill-Ispettur Lydon Zammit sabiex flimkien ma kollegi ohrajn, tezegwixxi mandat

[15] Fol. 577-578 tal-atti processwali
[16] Fol. 152-153 tal-atti processwali
[17] Dok KC1, Foio 155-159 ta' l-atti processwali
[18] Fol. 311-316 tal-atti processwali
[19] Dok AT2, Folio 170 ta' l-atti processwali
[20] Fol. 160-168 tal-atti processwali
[21] Fol. 172-174 tal-atti processwali

ta' arrest kontra Annise Bejaoui hdejn l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat. L-imputat fil-fatt gie arrestat u moghti d-drittijiet tieghu u saret ukoll tfittxija fil-vettura li kien biha, u cioe` VW Passat bin-numru ta' regisrazzjoni KBO-829 fejn gie elevat mobile phone Nokia u xi cwievet. Il-vettura ittiehdet bl-irmonk fil-Kwartieri Generali. Spjegat ukoll li kienet hadmet fuq analizi tal-filmati elevati minn minn kameras CCTV fil-vicinanzi ta' fejn sehhet l-incidenza de quo u pprezentat il-faxxikolu relattiv. In kontro-ezami ticcara li fejn fl-ispjega tal-fotogrammi qed tghid *"aggressor"* qed tirreferi ghall-imputat Fabian Sciriha u dan partikolarment ghax l-imputat l-iehor Annise Bejaoui qatt ma deher hiereg mill-karozza. Illi mir-rapport tax-xhud[22] jidher ukoll b'mod car stills li juru l-incident isehh kif ukoll vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBO 629.

Fl-istess seduta xehed **PC 1191 Jonathan Galea**[23], ukoll stazzjonat fit-Taqsima tar-Reati Magguri. Ikkonferma li huwa ukoll, flimkien ma PC 2278 u PC 1084 kien assista fl-arrest tal-imputat Annise Bejaoui minn hdejn l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat. In kontro-ezami spjega li ma kellu x'jaqsam xejn mal-imputat l-iehor Fabian Sciriha dwar dan il-kaz.

Fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2021 xehed **Fredrick Dalli**[24] li stqarr li huwa kien xtara vettura VW Passat minghand Toni Tanti u eventwalment bieghu lil "wiehed mill-Hamrun" u meta setax jiftakar ezatt mela.

Fl-istess seduta xehed **PC 1255 Christian Azzopardi**[25], stazzjonat fit-Taqsima tar-Reati Magguri, li fit-22 ta' Ottubru 2020 kien Eleva l-hwejjeg tal-imputat Fabian Sciriha u cioe` xorts, t-shirt blu/griz tad-ditta Piazza Italia, zarbun sportiv abjad tal-marka Lotto kif ukoll beritta bajda.

---

[22] Dok SB1, Folio 317-331 ta' l-atti processwali
[23] Fol. 334-225 tal-atti processwali
[24] Fol. 368-370 tal-atti processwali
[25] Fol. 371-373 tal-atti processwali

Fl-istess seduta xehed **PC 351 Pierre Paul Camilleri**[26], stazzjonat fl-Ghassa tal-Qawra, li kkonferma li fil-21 ta' Ottubru 2020 ghall-habta tas-13:00hrs, attenda fi Triq Ghadew, San Pawl il-Bahar fejn kien ra lill-imputat Fabian Sciriha qed jinzamm minn xi nies. Huwa ghadda biex jarrestah u jiehdu lejn l-Ghassa tal-Qawra.

Fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2021 xehed **Keith Testa**[27], li spjega li huwa kellu l-vettura VW Passat (ma setax jikkonferma n-numru ta' registrazzjoni) in kwistjoni ghal xi zmien u kien imbaghad partatha ma ohra tal-marka Mercedes minghand certu wiehed "il-Pacicci" minn Hal Qormi.

Fl-istess seduta xehdet l-**eks Spettur Paula Ciantar**[28], gia stazzjonata fl-Ghassa tal-Qawra, li kkonfermat ir-rapport dwar l-okkorrenza de quo spjegat dak li kien sar mill-Pulizija.

Fl-istess seduta xehed **Dr Steven Farrugia Sacco**[29] li halef il-korrettezza tar-relazzjoni tieghu ezebita.[30] Illi min dan ir-rapport inhargu diversi stills li juru b'mod car l-incident ta' serq li sehh fuq il-vittma. Jidher bic-car karozza bin-numru tar-registrazzjoni KBO629 tavvicina l-post in kwistjoni kif ukoll li persuna liebes beritta u maskra tad-drapp tagredixxi lil vittma.

Fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2021 xehed It-Tabib **Dr Karl Apap**[31], li b'referenza ghac-certifikat ezebit a Fol. 54 ikkonferma li huwa kien invista lil Doris Scicluna fil-21 ta' Ottubru 2020 u sab li kienet qed issofri minn griehi hfief salv kumplikazzjonijiet.

---

[26] Fol. 379a-380 tal-atti processwali
[27] Fol 457-459 tal-atti processwali
[28] Fol. 460-465 tal-atti processwali
[29] Fol. 466-467 tal-atti processwali
[30] Dok SFS1, Folio 200-248 ta' l-atti processwali
[31] Fol. 575-576 tal-atti processwali

Fl-istess seduta xehed l-**Ispettur Stephen Gulia**[32], stazzjonat fit-Taqsima tar-Reati Magguri. Wara li kkonferma n-narattiva tar-rapport dwar l-incident, spjega li kien involut fl-analizi tal-filmati CCTV migbura minn kameras CCTV fl-akkwata tal-incidenza. L-imputat Fabian Sciriha gie identifikat mill-hwejjeg li jidher liebes fil-filmat waqt l-aggressjoni li imbaghad kien ghadu bl-istess hwejjeg meta gie mghoddi f'idejn il-Pulizija wara li gie mizmum minn nies pajzana. Mill-filmati dehru ukoll movimenti strambi mill-vettura VW Passat li baqghet iddur fl-akkwata. Fil-fatt, Fabian Sciriha kien qed jipprova jigri lejn il-vettura meta gie mwaqqaf minn nies pajzana u b'hekk gie impedut. Spjega li l-imputat l-iehor Annise Bejaoui jidher qed isuq il-vettura VW Passat. Kienu gew mitkellma z-zewg imputat. L-imputat Bejaoui kien ikkonsulta mal-Avukat Dr Matthew Xuereb u fl-istqarrija tieghu ma wiegibx ghall-hafna mill-mistoqsijiet izda kkonferma li huwa kien qeq jaghmel uzu mill-vettura VW Passat u li fil-jum relevanti, kien fil-kumpanija ta' Fabian Sciriha.

Fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2021 xehed bil-gurament **l-Ispettur Rodrick Agius**[33] fejn esebixxa digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), minn dak iz-zmien il-Magistrat Dr. Doreen Clarke nhar il-25 ta' Mejju 2020. Illi dan id-digriet jaghti helsien mill-arrest lil-imputat Annnise Bejaoui bil-kundizzjonijiet imsemmija.[34]

Fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023 xehdet **Stephania Calafato Testa**[35], assistent regisratur tal-Qrati Kriminali, li kkonfermat li ma hemm l-ebda appell mis-sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat Annise Bejaoui li hemm ezebiti in atti.

---

[32] Fol. 242-243 tal-atti processwali
[33] Folio 597-598 ta' l-atti processwali
[34] Dok RA1, Folio 599 ta' l-atti processwali
[35] Fol. 667-668 tal-atti processwali

Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023 xehed minn rajh l-imputat **Annise Bejaoui**[36]. Qal li fil-jum in kwistjoni, huwa kien wassal lil Fabian Sciriha l-Qawra ghax kellu jiltaqa' ma kugin tieghu li jismu "Jason" minhabba xi kwistjoni dwar wirt. Kellu jiehu l-flus minghand Fabian Sciriha minhabba li kien habat b'karozza tieghu ftit taz-zmien qabel. Stqarr li kien jikkonfronta lil Fabian Sciriha dwar l-istqarrija izda l-Ispettur ma kienx gabu. In kontro-ezami kompla jispjega li kien gabar lil Sciriha mill-Marsa u hadu vicin tal-venda tal-Qawra. Ikkonferma li kienu marru bil-karozza VW Passat bin-numru ta' registrazzjoni KBO-629. Mistoqsi dwar l-incidenza in ezami, qal li "*ma niftakarx dawn l-affarijiet*" u li "*jien nizziltu u tlaqt l-hemm*". Eskluda li kien qal lin-nies li kienu qed izommu lil Fabian Sciriha li kien ser jiehdu l-Ghassa hu.

**Ikkunsidrat**

**Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija**

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[37], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, <u>bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali</u>, il-*

[36] Fol. 672-684 tal-atti processwali
[37] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

*Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu,* ***ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'****. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

*"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni* ***ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak ...[ir-reat]... u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir.****"*

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[38] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu

[38] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959

jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.[39]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[40] gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat".*

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[41] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[42]

> *'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*
>
> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

[39] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.
[40] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002
[41] deciz 5/12/1997
[42] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Il-Qrati taghna jikkonkludu li l-istess jghodd ukoll ghall-provi indizjarji. Anke dawn ghandhom iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk, sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu biss dawk diretti izda, anke meta ma jkunux, il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg. Ghalhekk, sabiex tinstab il-htija, provi indizzjarji jridu jkunu univoci u jwasslu ghall-konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija.

Kif jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Rupert Buttigieg** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2019):

*"Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.*

*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

*Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:*

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*

*Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami."*

B'hekk isegwi li jekk il-provi jistghu iwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, u jpoggu lill-Qorti f'salib it-toroq, tali provi ma jistghux jitqiesu bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) Vs Omissis, Kenneth Borg**[43] fejn gie kkunsidrat:

> *"12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall- konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;"*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana**[44] gie kkunsidrat:

> *'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun **cara u univoka** fis-sens li twassal **necessarjament,** u f'kuntest ta' dak li hu **ragjonevoli**, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq **cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija**. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika*

[43] Deciza Appell Kriminali 27/3/2017
[44] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001

*l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat ta' serq**

Illi l-imputat huwa akkuzat primarjament tali ikometta serq aggravat bil-vjolenza u bil-valur.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[45].

Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

L-aggravju tas-serq kontestat f'dan il-kaz huwa elenkat fl-artikolu 261(a) u (c) tal-Kodici Kriminali li jinkludi l-aggravju tal-vjolenza u valur. Dan qed jissemma specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-

[45] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

imputazzjoni tas-serq kif migjuba kontra l-imputat u li tinkorpora dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali, l-aggravju tal-vjolenza issir skont il-kwalifiki ta' l-artikolu 262(1)(a)(b)(c) tal-Kodici Kriminali u li huwa bizejjed li dan l-att isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara, sabiex ighin il-konsumazzjoni tad-delitt.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-valur issir ssir meta s-serq tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-kaz ma jirirzultax li l-pulizija hadet u esebit ebda stqarrija kemm ta' l-imputat Annise Bejaoui kif ukoll tal-ko imputat Fabian Schriha.

**Ikkunsidrat**

**Provi li tresssqu**

Illi l-proceduri f'dan il-kaz inzijalment bdew fil-konfront taz-zewg imputati Annise Bejaoui Fabian Schriha. Waqt il-mori tal-proceduri, Fabian Schriha mar ghall-hajja ahjar u b'hekk b'mod naturali l-proceduri kontrih intemmu. Dan ghalhekk ilhalli biss il-proceduri kontra Annise Bejaoui f'dak li jirrigwardja l-ewwel zewg imputazzjonijiet fejn kienu akkuzati flimkien kif ukoll fi tlett imputazzjonijiet l-ohra koncernanti s-sewqan fejn kien tressaq wahdu.

Illi mill-provi li tressqu jirrizulta li l-imputat Bejaoui kien fuq il-post in kwistjoni fid-data u l-hin ta meta sehh is-serqa. Mis-CCTV footages hemm konferma li kien mal-karozza u li kien qed isuqha. Jinqabad fil-filmat propju wkoll fil-mument meta l-imputat Fabian Schriha kien hareg u mar seraq lil Dolores Scicluna.

Madankollu filwaqt li l-imputat jirrizulta li kien fuq il-post ma hemmx provi diretti li juru li l-imputat wettaq is-serq hu stess. Minn dak kollu li gie pprezentat il-Qorti jirrizulta bic-car li l-persuna li kien wettaq is-seraq kien Fabian Schriha u dan anke kif gie identifikat b'mod dirett mix-xhieda li xehdu.

Illi l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju tieghu ma jakkuzax lill-imputat Bejaoui bi komplicita fis-serq skont l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali izda direttament li huwa seraq. Filwaqt li l-Qorti tara li kien hemm elementi ta' komplicita fil-modus operandi tieghu, il-mod kif akkumpanja lil Fabian Scriha u stennieh bil-karozza din il-Qorti ma ghandiex il-kompitu li taghmel gudizzju dwar komplicita ta' serq stante li dan l-artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali bhala wiehed li tista tikkunsidra ghal-htija.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li l-ewwel imputazzjoni ma giex ippruvat u sejra tghaddi sabiex tilliberah minn kull htija u piena dwarha. In vista tal-liberatorja ta' l-ewwel imputazzjoni l-Qorti sejra tghaddi sabiex ma ssibx htija dwar l-imputazzjoni tar-recidiva skont l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Illi ghar-rigward iz-zewg imputazzjonijiet l-ohra li jikkoncernaw is-sewqan il-Qorti rat il-filmati u s-stills esebiti kif ukoll hadet konjizzjoni tax-xhieda li xehdu dwar it-trasferiment ta' l-istess karozza.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali ghar-rigward l-ewwel u t-tieni imputazzjoni fejn Annise Bejaoui tressaq wahdu u sejra tghaddi sabiex issibu hati u tghaddi ghall-piena.

Illi ghar-rigward il-ksur tal-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bid-digriet tal-25 ta' Mejju 2020 li bih inghata l-helsien mill-arrest il-prosekuzzjoni esebit kopja ta' dan id-digriet.[46] Illi minn dan id-digriet ir-raba' kundizzjoni titlob li l-imputat jara li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

Madankollu jirrizulta l-unika zewg imputazzjonijiet li bihom l-imputat sejjer jistab hati huma ikkunsidrat biss reat skont l-Kapitolu 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant ma jirrizultax li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet mill-helsien mill-arrest u l-Qorti sejra tghaddi sabiex tilliberah minn din imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat[47] li hija wahda mill-aktar imzewwqa u tindika l-karattru mill-aktar refrattarju tal-imputat. Jirrizulta wkoll li l-imputat inhgata diversi opportunitajiet sabiex jaqbad it-triq it-tajba izda dejjem jerga' lura ghal hajja ta' kriminalità u tista' tghid huwa ta' minaccja ghas-socjetà.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17; 23; 23B; 23C 30; 31; 49; 50; 257D(1)(b); 257E; 261(a); 261(c); 262(1)(a); 262(2); 267; 274(c); 275; 276A; 277 (a); 279(a); 280(2); 280(3); 289; 382A; 383; 384; 385; 386; 412C; 532A; 532B; 533; 579(1); 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 15(1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3(1); 4(4) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet

[46] Dok RA1, Folio 599 ta' l-atti processwali
[47] Fol. 11-24 tal-atti processwali

ta' Malta, qed issib lill-Annise Bejaoui **mhux hati** ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni fejn kien imressqa flimkien ma Fabian Schriha, **hati** ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet fejn kien akuzzat wahdu u tikkundannah multa ta' disa mitt Euro (€900) ghal-ewwel imputazzjoni kif ukoll skwalifika milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur millum u multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2500) ghat-tieni imputazzjoni dedotti kontrih filwaqt li ssibu **mhux hati** tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih u tilliberah minn kull htija u piena dwarha.

**Moghtija illum nhar is-7 ta' Novembru 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**